A.L. 422 tal-2010

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2010 dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtijin bl-artikoli 28 u 32 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara li kkonsulta lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li tiġi stabbilita tariffa *feed-in* għall-elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u għalhekk li tippromwovi u tappoġġa l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

Tifsiriet.

2. (1) Kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, it-tifsiriet fl-Att għandhom ikunu japplikaw.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi kif stabbilita fl-Att;

"data ta' sottomissjoni " tfisser, fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx imsemmija fir-regolament 4(1), id-data li fiha tkun ġiet rċevuta mill-Awtorità it-talba ta' parteċipazzjoni fl-iskema FIT u, fil-każ ta' stallazzjoni

fotovoltajka tax-xemx imsemmija fir-regolament 4(2), id-data meta avviż jew applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex tinbena stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx, skond kif ikun il-każ, ikunu ġew reċevuti mill-Awtorità ;

"distribuzzjoni" tfisser it-trasport tal-elettriku permezz ta' sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, medju u baxx fil-kuntest tat-twassil tiegħu għand il-konsumaturi imma ma tinkludix il-provvista;

"Djar Istituzzjonali" għandhom jinkludu l-bini li ġej:

(a) istituzzjonijiet li fihom tingħata kura tas-saħħa bħal bini li jintuża bħala sptar, dar tal-kura jew kull istituzzjoni li tipprovdi kura medika jew kura minn infermiera;

(b) istituzzjonijiet għall-persuni rtirati, anzjani jew b'diżabilità, inkluż bini użat bħala dar għall-persuni rtirati jew anzjani jew persuni li jkollhom xi diżabilità;

(ċ) istituzzjonijiet edukattivi inkluż bini li jintuża bħala skola fejn jiġu alloġġati studenti jew għal għanijiet simili;

(d) istituzzjonijiet tal-kura inkluż bini li jintuża bħala orfanatrofju, djar tal-kenn, ċentri miftuħa għar-rifuġjati jew għal għanijiet simili;

(e) istituzzjonijiet reliġjużi inkluż bini li jintuża bħala kunvent, djar għall-irtir, jew għal għanijiet simili;

(f) istituzzjonijiet militari bħal kwartieri militari;

(g) istituzzjonijiet oħra inkluż bini użat bħala djar ta' alloġġament, faċilitajiet penali jew korrettivi jew għal għanijiet simili;

"Enemalta" jew "il-Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni Enemalta stabbilita mill-Att dwar l-Enemalta; Kap. 272.

"FIT" tfisser tariffa *feed-in*;

"fond domestiku" tfisser bini li jinkludi djar privati li huma reġistrati mal-Enemalta bħala li fihom ma jgħixux nies, bħat-tieni dar jew garaxxijiet privati u partijiet komuni inklużi bjut, turġien, terrazzini, ġonna ma' binjiet li jintużaw biss bħala djar privati;

"fond mhux residenzjali" tfisser binja jew art użata kollha kemm hi jew primarjament biex fiha ssir attività ekonomika, iżda ma tinkludix kull bini bħal garaxxijiet privati jew partijiet komuni f'binjiet li jintużaw biss bħala djar privati;

"fond residenzjali" tfisser kull bini użat biss u b'mod regolari bħala dar privata u li fih tkun tabita mill-anqas persuna waħda imma ma jinkludix djar istituzzjonali;

"ġenerazzjoni" tfisser il-produzzjoni tal-elettriku;

"ikkummissjonat" tfisser l-ewwel darba li stallazzjoni fotovoltajka titħaddem, wara li jiġi stabbilit li din tkun lesta mil-lat operattiv;

"kapaċità massima ta' ġenerazzjoni minn stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx" tfisser il-kapaċità elettrika effettiva li l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tista' teknikament tipproduċi waqt operazzjoni regolari mingħajr restrizzjonijiet ta' ħin, irrispettivament mid-devjazzjonijiet ta' perjodi qosra ta' żmien;

"kW" tfisser kiloWatt;

"kWh" tfisser kiloWatt siegħa;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"operatur ta' stallazzjoni" tfisser sid l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx;

"perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in*" tfisser il-perjodu ta' żmien li fih it-tariffa *feed-in* għall-elettriku kollu ġenerat minn stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx hija garantita;

"sistema ta' distribuzzjoni" tfisser il-faċilitajiet tekniċi kollha interkonnessi li jintużaw għat-twassil tal-elettriku għand il-konsumaturi finali;

"skema FIT" tfisser l-iskema annwali fejn ammont speċifiku ta' elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet solari fotovoltajċi tax-xemx eliġibbli u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni jiġu mħallsa tariffa *feed-in* kif stabbilit skond dawn ir-regolamenti;

"*smart meters*" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik li hemm fir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku;

N.G. Nru 223 tal-1940.

"sorsi ta' enerġija li jiġġeddu" tfisser sorsi ta' enerġija li jiġġeddu li mhumiex fossili, jiġifieri r-riħ, ix-xemx, l-enerġija ġeotermika, il-mewġ, il-marea, l-idroenerġija, il-bijomassa, il-gass mill-miżbliet, il-gass mill-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-bijogassijiet;

"spiża marġinali għal kull unità" tfisser l-ispiża addizzjonali biex tiġi prodotta unità oħra kif stabbilit fir-Raba' Skeda;

"stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx" tfisser sistema fotovoltajka tax-xemx li tiġġenera esklużivament l-elettriku mir-radjazzjoni solari u tikkonsisti fl-aċċessorji kollha inklużi:

(a) sensiela jew sensiliet ta' moduli fotovoltajċi li jiġbru u li jassorbu d-dawl tax-xemx għal konverżjoni f'elettriku;

(b) *inverter* jew *inverters*;

(c) bilanċ assoċjat ta' komponenti tas-sistema, inkluża sistema ta' fili, conduits, tqassim tal-elettriku (*switchgear*), tagħmir għall-protezzjoni, tagħmir anċillari u kull parti oħra mill-istallazzjoni li tkun neċessarja għall-produzzjoni u t-tqassim tal-elettriku sat-tagħmir tal-kejl provdut mill-Enemalta,

wara li l-imsemmija stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tkun approvata mill-Awtorità bħala li tissodisfa l-kriterji applikabbli speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"tagħmir tal-kejl" tfisser il-*meters* tad-dawl provduti mill-Enemalta inklużi smart meters, kull transformer tal-vultaġġ u tal-kurrent u kull tagħmir assoċjat u sistema ta' fili meħtieġa biex titkejjel il-kwantità ta' elettriku provdut jew esportat;

"tlestija mil-lat operattiv" tfisser il-ħila li tiffunzjona skond id-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet;

"tariffa *spill-off*" tfisser tariffa li għandha titħallas għal kull unità ta' elettriku ġenerata mill-operatur tal-istallazzjoni f'eċċess mill-konsum tiegħu stess u esportata lejn is-sistema tad-distribuzzjoni.

Applikabbilità.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kull stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx li tiġġenera l-elettriku billi tuża esklużivament il-panelli fotovoltajċi tax-xemx u sakemm dik l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tkun installata jew f'fond residenzjali jew domestiku jew f'fond mhux residenzjali jew f'dar istituzzjonali u tkun konnessa mas-sistema tad-distribuzzjoni direttament jew indirettament bit-tagħmir xieraq ta' protezzjoni u ta' kejl:

Iżda dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu japplikaw għal operaturi ta' stallazzjoni li jistgħu jibbenefikaw minn għotja ta' iktar minn 50% fuq l-investiment inizjali tal-kapital, jew li jkunu qegħdin jibbenefikaw minn ftehim dwar proġett speċifiku ta' tariffa *feed-in*, jew li jkunu qegħdin jibbenefikaw minn kull arranġament ieħor approvat mill-Awtorità.

Bejgħ ta' elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet solari fotovoltajċi.

4. (1) Fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx ikkummissjonata u konnessa mas-sistema tad-distribuzzjoni permezz tat-tagħmir xieraq ta' kejl ipprovdut mill-Enemalta qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, l-operatur ta' stallazzjoni jista' jagħżel li:

(a) jżomm l-arranġamenti netti ta' kejl eżistenti mal-Enemalta u jitħallas it-tariffa *spill-off* għal kull elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni mħallsa qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti:

Iżda l-operatur ta' stallazzjoni ma jkollux din l-għażla meta jkun għamel qbil ma' l-Enemalta eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti li jkun jeħtieġu jaqleb mill-

arranġamenti netti ta' kejl eżistenti għal arranġament ta' tariffa *feed in* meta dan ikun stabbilit; jew

(b) jitlob lill-Awtorità:

(i) jew biex ibiegħ lill-Enemalta l-elettriku kollu ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

(ii) jew biex jiġġenera l-elettriku primarjament għall-konsum tiegħu stess fil-bini fejn ikun hemm l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u jitħallas it-tariffa *feed-in* skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti għal kull elettriku żejjed ġenerat u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni.

(2) Fil-każ ta' kull stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx ikkummissjonata wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u li tkun tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, l-operatur tal-istallazzjoni jista':

(a) jew ibiegħ lill-Enemalta l-elettriku kollu ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jew jiġġenera l-elettriku primarjament għall-konsum tiegħu nnifsu fil-bini fejn tinsab l-istallazzjoni fotovoltajka u jitħallas it-tariffa *feed-in* skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti għal kull elettriku żejjed ġenerat u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni.

(3) Meta operatur ta' stallazzjoni kif imsemmi fir-regolament 4(1) jagħżel waħda mill-alternattivi msemmija fir-regolament 4(1)(b), dak l-operatur ta' stallazzjoni ma jitħalliex imur lura għall-arranġamenti ta' kejl nett kif provdut fir-regolament 4(1)(a).

(4) Kull nefqa li jġarrab operatur ta' stallazzjoni sabiex imur lura mill-arrangamenti ta' kejl nett eżistenti għall-arrangamenti msemmija fir-regolament 4(1)(b), għandu jagħmel tajjeb għaliha l-operatur ta' stallazzjoni.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 4(1)(a), operatur ta' stallazzjoni li jkollu l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tiegħu installata qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-

regolamenti, ma jistax iżomm l-arranġamenti eżistenti ta' kejl nett jekk il-kapaċità ta' l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tiżdied wara li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

(6) L-operatur ta' stallazzjoni ma għandux ikun eliġibbli għat-tariffa *feed-in* jekk l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx ma tkunx konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti permezz tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u ma jkunx kiseb l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzi jew il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u mill-Enemalta.

(7) Fil-każ li l-operatur ta' stallazzjoni jagħżel li juża l-elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx, l-Enemalta għandha tinstalla tagħmir ta' kejl li jkejjel l-elettriku kollu ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx miżjud mat-tagħmir ta' kejl li jkejjel l-ammont ta' elettriku importat jew esportat.

Bidu u perjodu għall-ħlas tat-tariffa *feed-in*.

5. (1) It-tariffi *feed-in* għandhom ikunu dovuti minn meta l-operatur ta' stallazzjoni esklużivament jipproduċi l-elettriku għall-ewwel darba mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u din tkun konnessa mas-sistema tad-distribuzzjoni kif provdut fir-regolament 3 jew, għal dawk l-istallazzjonijiet fotovoltajki tax-xemx ikkummissjonati qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti u meta l-operatur ta' stallazzjoni jkun għażel xi arrangament skond ir-regolament 4(1)(b), mid-data li fiha l-Enemalta tagħmel il-modifiki neċessarji lill-konnessjoni tal-istallazzjoni li jkunu jippermettu l-arranġamenti fir-regolament 4(1)(b).

(2) It-tariffi *feed-in* għandhom jitħallsu għall-perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* imsemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti skond il-lok applikabbli tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u t-tip ta' bini li tkun installata fih.

(3) Fil-każ ta' stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx li jkunu ikkummissjonati qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti u meta l-operatur ta' stallazzjoni jagħżel li jbiegħ lill-Enemalta l-elettriku kollu ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 (1)(b), il-perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* imsemmija fit-Tieni Skeda għandu jinkludi l-perjodu ta' żmien li matulu l-operatur ta' stallazzjoni jkun diġà ibbenefika mill-arranġamenti ta' kejl nett u ta' tariffi *spill-off* qabel ma jkunu daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti:

Iżda fil-każ li l-operatur ta' stallazzjoni jespandi l-kapaċità eżistenti tal-istallazzjoni fotovoltajka, il-perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* applikabbli għall-istallazzjoni kollha wara li tkun saret dik l-espansjoni jitqies li jibda mid-data li fiha l-Enemalta tinstalla t-tagħmir ta' kejl sabiex tagħti lok għall-arranġament ta' kejl nett għall-istallazzjoni originali.

(4) Meta persuna, tibdel l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx għal kollox jew f'parti minna, l-operatur ta' stallazzjoni ma għandux ikun intitolat li jibda' mill-ġdid jew li jestendi l-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in*.

(5) It-tariffa *feed-in* għandha tkun tapplika biss sa ammont li ma jaqbiżx l-ammont sħiħ ta' elettriku esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni permezz tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx kif jiġi approvat mill-Awtorità.

Tariffa *Feed-In*.

6. It-tariffa *feed-in* li għandha tħallas l-Enemalta lill-operaturi ta' stallazzjoni għall-elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda kull ammont ta' elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni iktar mil-limiti bażiċi stabbiliti fit-Tieni Skeda għandu jitħallas skond ir-rata ta' l-elettriku applikabbli stabbilita fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ammont massimu ta' elettriku esportat fl-iskema FIT.

7. (1) L-ammont massimu ta' elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni li għandu jkun eliġibbli biex titħallas tariffa *feed-in* għal kull skema annwali FIT u wara li jkunu daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti għandu jkun dak stabbilit fit-Tielet Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-ammont massimu ta' elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni stabbilit fit-Tielet Skeda għandu jkun magħmul minn elettriku ġenerat u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni permezz ta':

(a) stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx approvati mill-Awtorità matul is-sena li fiha jkunu ġew stabbiliti l-limiti

bażiċi għall-elettriku ġenerat u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni; u

(b) stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx approvati mill-Awtorità, ikkummissjonati qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, u meta l-operaturi ta' stallazzjoni matul is-sena li fiha jkunu ġew stabbiliti l-limiti bażiċi għall-elettriku ġenerat u esportat għas-sistema tad-distribuzzjoni jkunu għażlu waħda mill-alternattivi msemmija fir-regolament 4(1)(b).

Tpaċija tat-talbiet tal-ħlas.

8. (1) L-Enemalta tista' tpaċi l-ammonti dovuti minn operatur ta' stallazzjoni għall-forniment ta' l-elettriku ma' l-ammonti dovuti lill-operatur ta' l-istallazzjoni biex jiġi għall-esportat l-elettriku lill-operatur taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda dik it-tpaċija tkun biss permissibbli jekk dawn it-talbiet ma jkunux ikkontestati jew ikunu ċerti, likwidi u dovuti.

(2) Fejn l-ammonti dovuti lill-operatur ta' stallazzjoni biex jiġi esportat l-elettriku imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ikunu iżjed mill-ammonti dovuti mill-operatur ta' l-istallazzjoni għall-forniment ta' l-elettriku mill-Enemalta, il-Korporazzjoni għandha takkredita lill-operatur ta' stallazzjoni l-bilanċ dovut permezz ta' nota ta' kreditu:

Iżda li l-operatur ta' l-istallazzjoni jista' jitlob li jitħallas l-bilanċ dovut permezz ta' dik in-nota ta' kreditu wara li jkunu skadew erba' perjodi konsekuttivi koperti minn kontijiet għall-forniment ta' l-elettriku mill-Enemalta lill-operatur ta' l-istallazzjoni.

(3) Il-qari tal-*meter* għall-elettriku esportat għandu jsir bl-istess frekwenza bħal fil-qari tal-konsum tal-elettriku provdut mill-Enemalta.

Bejgħ ta' elettriku wara li jiskadi l-perjodu ta' hlas garantit tat-tariffa *feed-in*.

9. (1) Wara li jiskadi l-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in*, l-operatur ta' stallazzjoni jista' jagħżel, u b'avviż bil-miktub lill-Enemalta, li jitlob lill-Korporazzjoni timmodifika kif neċessarju l-konnessjoni tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx mas-sistema tad-distribuzzjoni sabiex l-operatur ta' stallazzjoni jkun jista' juża l-elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx għall-użu tiegħu biss fi ħdan il-bini u li jiġi kumpensat għal kull elettriku esportat skond ir-rata applikabbli tal-elettriku għal dak iż-żmien kif provdut fir-Raba' Skeda li tinsab ma'dawn ir-regolamenti u bla ħsara għar-regolament 4(7):

Iżda li l-Enemalta għandha tilqa' t-talba tal-operatur ta' stallazzjoni wara li tkun għamlet il-modifiki neċessarji lill-konnessjoni tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx mas-sistema tad-distribuzzjoni:

(2) Kull operatur ta' stallazzjoni li jagħżel dawn l-arrangamenti kif stabbilit fir-regolament 9(1) għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex isiru l-modifiki neċessarji inklużi dawk marbuta mal-meter u l-konnessjoni li tesiġi l-Enemalta.

(3) Meta l-operatur ta' stallazzjoni ma jinfurmax lill-Enemalta sabiex din tagħmel il-modifika neċessarja lill-konnessjoni tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx kif provdut fir-regolament 9(1), l-Enemalta għandha tkompli tixtri l-elettriku kollu ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni, u għandha tirrimborża lill-operatur ta' stallazzjoni għal dak l-elettriku skond ir-rata stabbilita fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Obbligi ta' l-operaturi ta' stallazzjoni.

10. L-operaturi ta' stallazzjoni għandhom:

(a) jippreżentaw dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' b'mod raġonevoli titlob;

(b) jinfurmaw lill-Awtorità u lill-Enemalta b'dak il-mod u manjiera li din tista' raġonevolment teħtieġ, jekk l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tkunx inqalgħet minn mal-konnessjoni jew ġiet trasferita, mibjugħa jew b'xi mod ieħor modifikata hekk li tnaqqas il-prestazzjoni tagħha matul il-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti;

(ċ) ikunu konformi f'kull waqt mad-dispożizzjonijiet li japplikaw tal-liġi, għoti ta' avviż, awtorizzazzjoni, kundizzjonijiet tal-liċenża u n-*Network Code* kif approvati mill-Awtorità;

(d) jagħmlu disponibbli lill-Enemalta u lill-Awtorità kull informazzjoni mitluba sabiex tiġi reġistrata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Suċċessjoni u trasferabbiltà tal-obbligi u l-benefiċċji taħt l-iskema FIT.

11. Meta operatur ta' stallazzjoni jmut, jew minħabba f'xi att jew ġrajja, jieqaf għal kollox milli jkun operatur ta' stallazzjoni, il-ħlas tat-tariffi *feed-in* għall-elettriku ġenerat minn stallazzjoni

fotovoltajka tax-xemx skond dawn ir-regolamenti għall-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* li jkun għad fadal, jista' jiġi trasferit lis-sid il-ġdid tal-istallazzjoni:

Iżda:

(a) l-operatur il-ġdid ta' stallazzjoni għandu jinforma lill-Enemalta u lill-Awtorità b'din il-bidla bħal proprjetarju fil-forma u l-manjiera stabbiliti minnhom, flimkien ma' kull prova dokumentarja u informazzjoni li jistgħu jistabbilxxu għal dawk l-għanijiet;

(b) l-operatur il-ġdid ta' stallazzjoni jieħu f'idejh l-obbligi kollha li kellu l-operatur preċedenti tal-istallazzjoni;

(ċ) l-Enemalta u l-Awtorità ma għandhomx iqisu lil dik il-persuna bħala operatur ġdid ta' stallazzjoni jekk dak l-operatur ta' stallazzjoni ma jkunx konformi ma' xi liġi, permess jew rekwiżit ieħor b'rabta mal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx .

Bdil fl-użu tal-bini.

12. Fil-każ ta' bdil fl-użu tal-bini matul il-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* stabbilita b'dawn ir-regolamenti, it-tariffa applikabbli u l-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* għandhom jinbidlu kif ikun meħtieġ:

Iżda f'każijiet bħal dawk, il-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* għandu jinkludi ż-żmien li matulu l-operatur ta' stallazzjoni jkun diġà ibbenefika minn tariffa *feed-in*.

Ċertifikati ekoloġiċi negozjabbli.

13. L-operaturi ta' stallazzjoni m'għandhom ikunu intitolati għal ebda ċertifikat ekoloġiku negozjabbli għall-elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u li għalih tkun imħallsa it-tariffa *feed-in* jew fil-każ li l-operatur ta' stallazzjoni jgawdi minn arranġament ta' kejl nett b'tariffa spill-off jew benefiċċji minn xi arranġament li hemm provdut dwaru fir-regolament 9.

Aċċess, spezzjoni, eċċ. ta' tagħmir tal-*metering*.

N.G. 223 tal-1940.

14. Id–dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-aċċess, l-ispezzjoni, il-modifika u t-tbagħbis tat-tagħmir tal-metering li jinsabu fir-Regolamenti tal-1940 fuq il-Provvista ta' l-Elettriku, għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal operaturi ta' stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx bl-istess mod kif imsemmi f'dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 4

Kriterji ta' Eliġibbiltà sabiex tipparteċipa fl-iskema FIT

Kriterji ta' Eliġibbiltà:

L-elettriku ġenerat minn stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni huwa eliġibbli li jithallas skond ir-rata stabbilita tat-tariffa *feed-in* kif tinsab f'dawn ir-regolamenti bla ħsara għall-kriterji li ġejjin:

1. L-elettriku huwa esklużivament ġenerat bl-użu ta' radjazzjoni tax-xemx mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx approvati mill-Awtorità.
2. L-elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni jkun fil-limiti bażiċi speċifikati fit-Tieni Skeda.
3. L-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tkun ġiet approvata mill-Awtorità sabiex tipparteċipa fl-iskema FIT matul is-sena li għaliha tkun tapplika t-tariffa *feed-in* applikabbli. Fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx msemmija fir-regolament 4 (1), id-data ta' sottomissjoni ta' talba ta' parteċipazzjoni fl-iskema FIT għandha tiġi kunsidrata fid-deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà fl-iskema FIT. Fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx imsemmija fir-regolament 4 (2), id-data ta' sottomissjoni ta' avviż jew applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex tinbena stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx (kif ikun il-każ), għandha tiġi kunsidrata fid-deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà għall-iskema FIT.
4. Stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx għandha titqies eliġibbli biex tipparteċipa fl-iskema FIT jekk l-ammont propost għall-esportazzjoni lejn is-sistema tad-distribuzzjoni jkun jinkwadra fit-total massimu ta' elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx eliġibbli biex jibbenefikaw mill-iskema FIT għas-sena applikabbli kif stabbilit fir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti u fit-

Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Il-parteċipazzjoni fl-iskema FIT għandha tiġi stabbilita abbażi ta' min jiġi l-ewwel u kull kW installata għandha tkun attribwita 1600kWh ta' ġenerazzjoni;

5. L-istallazzjoni fotvoltajka tax-xemx hija avżata lil jew awtorizzata mill-Awtorità skond kull liġi li tkun tapplika.

6. L-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tiġi ikkummissjonata mill-anqas **12-il xahar** mid-data -

   a. tan-notifika lill-Awtorità tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx , jew

   b. ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità sabiex tinbena stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx .

7. L-operatur ta' stallazzjoni jkun f'kull ħin konformi mal-obbligi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, in-*Network Code* u kull liġi oħra kollha li tkun tapplika.

IT-TIENI SKEDA

Regolamenti 3, 5, 6

1. **L-elettriku ġenerat esklużivament mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx installati fuq fond residenzjali jew domestiku skond ir-regolament 3 u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni sa massimu ta' 4800kWh fis-sena;**

It-tariffa *feed-in* li għandha titħallas mill-Enemalta lil operatur ta' stallazzjoni għall-elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx approvati għall-iskema FIT fis-sena 2010 u installati f'fond residenzjali jew domestiku għandha tammonta għal:

(a) 25 ċenteżmu għal kull kWh għal perjodu ta' 8 snin tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* għall-elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx li jinsabu f'**Malta**

(b) 28 ċenteżmi għal kull kWh għal perjodu ta' 8 snin tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* għall-elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx li jinsabu f'**Għawdex**

2. **L-elettriku ġenerat esklużivament mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx installati f'bini mhux residenzjali jew fi djar istituzzjonali skond ir-regolament 3 u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni sa massimu ta' 160,000kWh**

It-tariffa *feed-in* imħallsa mill-Enemalta lil operatur ta' stallazzjoni għall-elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx approvati għall-iskema FIT fis-sena 2010 u installati fuq fond mhux residenzjali jew fuq djar istituzzjonali skond ir-regolament 3 għal perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* ta' 7 snin għandu jammonta għal **20 ċenteżmu għal kull kWh**

IT-TIELET SKEDA

Regolament 7

Ammont massimu totali ta' elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni eliġibbli biex jibbenefika mit-tariffa *feed-in*

Sena	**Ammont massimu totali ta' elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni eliġibbli biex jibbenefika mill-iskema FIT**
2010	12,000,000kWh

IR-RABA' SKEDA

Regolamenti 6, 9

Ir-rata tal-elettriku għal kull kWh applikabbli għall-elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni wara li jiskadi l-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* jew meta jinqabżu l-limiti bażiċi permessi għall-eliġibbiltà taħt l-iskema FIT

Ir-rata tal-elettriku għal kull kWh imsemmija fir-regolamenti 6 u 9 li għandha titħallas mill-Enemalta lill-operatur ta' stallazzjoni għal kull elettriku ġenerat mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni għal kull sena wara l-perjodu tal-ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* imsemmija fit-Tieni Skeda jew f'kull waqt meta jinqabżu l-limiti bażiċi massimi mniżżla fit-Tieni Skeda għandha tammonta għall-ispiża marġinali għal kull unità ta' elettriku li għandha ġġorr l-Enemalta għas-sena partikolari kif approvat mill-Awtorità.

L-Awtorità tista' tiddefinixxi liema spejjeż għandhom jitqiesu biex tiġi stabbilita l-ispiża marġinali għal kull unità ta' elettriku li tagħmel tajjeb għaliha l-Enemalta.

L-ispiża marġinali għal kull unità għas-sena 2010 ikun ta' ħdax –il ċenteżmu (€0.11) għal kull kWh.